MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 60/2012

**Banif Bank (Malta) plc**

**Vs**

**Francis u Loraine (konjugi) Saliba**

Il-Qorti,

Rat illi permezz tar-rikors guramentat is-socjeta' bankarja ppremettiet hekk:

1. Illi l-kupannija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;

2. Illi l-konvenuti huma klijenti tal-kumpanija attrici;

3. Illi flimkien u in solidum, il-konvenuti hadu self ta' tmintax-il elf u sitt mitt Euro (€18,600) minghand il-

kumpannija attrici sabiex jixtru vettura u dan ai termini tal-Credit Agreement datat 10 ta’ Gunju 2009 (ara Dok ‘A’);

4. Illi fil-Credit Agreement, il-partijiet ftehmu dwar kif il-konvenuti kellhom jhallsu lura dan l-ammont lill-kumpannija attrici izda l-istess konvenuti naqqsu milli jimxu ma’ dan il-ftehim u ma hallsux;

5. Illi l-bilanc dovut sal-lum mill-konvenuti hu ta’ hdax-il elf, tliet mija u tlettax-il Euro u erba’ u sebghin centezmu (€11,313.74), u dan il-bilanc jikkoncerna l-Loan Account numru 30457.71.001 u sas-26 ta’ Gunju 2012 kien jinkludi mghaxijiet ta’ tlieta u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€63.69) (ara Dok ‘B’);

6. Illi l-konvenuti huma wkoll debituri tal-kumpanija attrici fl-ammont ta’ tliet mija, wiehed u erbghin Euro u wiehed u sittin centezmu (€341.61) stante spejjez marbuta mal-bilanc fuq imsemmi u dan l-ammont hu dovut fuq il-Current Accounts numru 30457.10.001 u 30457.01.001 u sas-26 ta’ Gunju 2012 kien jinkludi Euro u ghaxar centezmi (€1.10) f’imghaxijiet (ara Dok. ‘C’ u Dok ‘D’);

7. Illi l-ammont komplessiv dovut mill-konvenuti hu ta’ hdax-il elf, sitt mija u hamsa u hamsin Euro u hamsa u tletin centezmu (€11,655.35);

8. Illi l-ammont komplessiv mitlub f’din il-kawza sar dovut kollu lill-kumpannija attrici ai termini ta’:

i. l-Artikolu 11(j) tal-Credit Agreement marbut mal-Loan Account fuq imsemmi u dan ghax skond l-istess Credit Agreement, sehhew wahda jew aktar mill-events of default, partikolarment, izda mhux esklussivament:

a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,

b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and

undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility.

n) Any other event which in the Bank’s reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility; u

ii. Artikolu 5 tat-Terms and Conditions u Artikolu 6 tal-Conditions of Use marbuta mal-Current Accounts (ara Dok ‘E’ u Dok ‘F’ rispettivament)

9. Illi l-kumpannija attrici interpellat lill-konvenuti diversi drabi biex ihallsuha l-ammont dovut minnhom, fosthom permezz t’ittra legali datata 28 t’Ottubru 2011 u ittra ufficcjali datata 17 ta’ Mejju 2012 mahruga ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (ara Dok ‘G’ u Dok ‘H’ rispettivament);

10. Illi l-imsemmija ittra ufficcjali saret ezekuttiva fir-rigward tal-konvenut Francis Saliba wara ammissjoni, izda dan ma hux il-kaz fir-rigward tal-konvenuta Loraine Saliba stante kontestazzjoni (ara Dok ‘I’ u Dok ‘J’);

11. Illi stante l-kontestazzjoni ghall-hlas maghmula minn konvenuta Loraine Saliba, qed issir din il-kawza ai termini ta’ l-Artikolu 833A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

12. Illi l-kreditu tal-kumpannija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu f’dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici;

13. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta’ l-artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti :

1. Taqta’ u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta’ l-artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara lill-konvenuta Loraine Saliba hi debitrici tal-kumpanija attrici fl-ammont ta' hdax-il elf, sitt mija u hamsa u hamsin Euro u hamsa u tletin centezmu (€11,655.35); u

3. Tikkundanna lill-konvenuta Loraine Saliba thallas lill-kumpanija attrici fl-ammont ta' hdax-il elf, sitt mija u hamsa u hamsin Euro u hamsa u tletin centezmu (€11,655.35),

Bl-ispejjez, bank charges u fees u bl-imghaxijiet mis-26 ta' Gunju 2012 sad-data tal-pagament effettiv, bir-rata ta' tmienja punt erbgha zero fil-mija (8.40%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Loan Account fuq imsemmi u bir-rata t'ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-current accounts fuq imsemmija. Il-bank charges and fees u l-imghaxijiet qed jintalbu skond kif jinghad fil-Credit Agreement fuq imsemmi u t-Tariff of Charges (ara Dok 'K') inkwantu l-Loan Account u t-Terms and Conditions u l-Conditions of Use fuq imsemmija u t-Tariff of Charges (ara Dok 'L') in kwantu l-Current Accounts. Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija attrici fil-konfront tal-istess konvenuti.

Rat in-nota tal-konvenut Francis Saliba li permezz taghha ammetta t-talba attrici inkwantu ghall-mertu taghha. Izda huwa kkontesta l-kap ta' l-ispejjez peress li sostna li s-socjeta' attrici diga' tgawdi titolu esekuttiv fil-konfront tieghu liema titolu esekuttiv isib l-gheruq tieghu fl-ittra ufficjali esekuttiva a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12 u liema ittra ufficcjali ma gietx kontestata minnu. Ghaldaqstant isostni li ma kienx hemm lok ghall-procedura de quo fil-konfront tieghu u ghalhekk m'ghandux ibati spejjez relatati ma' l-istess procedura.

Rat li l-konvenuta baqghet ma dehritx u li anki jekk inghatat dritt biex tipprezenta risposta guramentata peress li hekk kien il-ftehim bejn l-avukat taghha u dak tas-socjeta' attrici xorta wahda baqghet ma pprezentat l-ebda risposta guramentata.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tallum.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti jirrizulta li s-socjeta’ bankarja selfet lill-konvenuti l-ammont ta’ €18,600 sabiex jixtru vettura a tenur tal-*credit agreement* datat 10 ta’ Gunju 2009. Din il-facilita’ kellha tithallas f’sittin pagamenti mensili. Jirrizulta li saru xi pagamenti mill-konvenuti izda dawn il-pagamenti ma baqghux jigu effettwati u ghaldaqstant huwa evidenti li l-konvenuti m’onorawx il-ftehim. Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici pprocediet kontra l-konvenuti.

Fis-seduta ta’ l-1 ta’ Frar 2013, Vanessa Bugeja in rapprezentanza tas-socjeta’ bankarja kkonfermat li minn dakinhar tal-prezentata tar-rikors guramentat ma gie vversat l-ebda pagament u kwindi l-ammont mitlub fir-rikors guramentat huwa dovut.

Francis Saliba ammetta t-talbiet attrici izda kkontesta l-ispejjez tal-kawza. Loraine Saliba baqghet kontumaci. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta li hija kienet firmatarja wkoll fuq il-ftehim. Fi kwalunkwe kaz huwa evidenti li dan id-dejn jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk il-bank attur harrek ukoll lil Francis Saliba nonostante li jgawdi diga’ titolu ezekuttiv fil-konfront tieghu sabiex jevita li jigi rinfaccjat b’eccezzjonijiet ta’ nuqqas ta’ integrita’ ta’ gudizzju.

B’referenza ghar-rata ta’ imghax mitluba inkwantu huwa oghla minn tmienja fil-mija (8%) issir referenza ghal-Legislazzjoni Sussidjarja 16.06 – Regolamenti Dwar Ezenzjoni Mir-Rata ta’ Mghax[1] senjatament ghar-regolament numru hamsa li jipprovdi:

*‘Minkejja kull haga ohra li tinsab f’kull ligi ohra, istituzzjonijiet ta’ kreditu u dawk finanzjarji fil-kuntest tat-*

[1] Avviz Legali 142 ta’ l-2009

*tifsira tar-regolament 2[2] jistghu jistabbilixxu r-rata ta' mghax li ghandha tithallas fuq depoziti mizmumin minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' mghax li dawn jistghu jitolbu li jithallsu fuq self, avvanzi u kull facilità ta' kreditu ohra kif ukoll fil-hrug ta' debentures jew ta' debenture stock jew strumenti ohra li joholqu jew jirrikonoxxu stat ta' debitu'.*

Dan l-artikolu infatti jirrinforza l-artikolu 33 tal-Kap 204[3] tal-Ligijiet ta' Malta li huwa identiku ghal dak appena kkwotat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

(i) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba attrici;

(ii) Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara lill-konvenuta Loraine Saliba hi debitrici tal-kumpanija attrici fl-ammont ta' hdax-il elf, sitt mija u hamsa u hamsin Euro u hamsa u tletin centezmu (€11,655.35);
(iii) Tilqa' t-tielet talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta Loraine Saliba thallas lill-kumpanija attrici fl-ammont ta' hdax-il elf, sitt mija u hamsa u hamsin Euro u hamsa u tletin centezmu (€11,655.35),

Bl-ispejjez, bank charges u fees u bl-imghaxijiet kif mitluba mis-26 ta' Gunju 2012 sad-data tal-pagament effettiv a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Regolament 2(b) applikabbli ghal dan il-kaz
[3] Att Dwar il-Bank Centrali ta' Malta